MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 3/2006

**A B**
**vs**
**BC B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti attur ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Ottubru 1994 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonajli jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar ta' l-

elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Tghid il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Ottubru 1994.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet li n-nullita' taz-zwieg huwa attribwibbli lill-attur fit-termini ta' l-artikolu "19[1] u/jew [f]" [sic];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-15 ta' Ottubru 1994 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali "tal-partijiet" huwa vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li taqbel li z-zwieg huwa null, tattribwixxi dan lill-attur li abbanduna lilha u lil binhom sabiex jghix il-hajja ta' guvni.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta nkontesteat li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta' Ottubru 1994 meta allura l-attur kellu 17 – il sena u l-konvenuta kellha 18 – il sena, u wara li l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin tlett [3] xhur li matulhom il-konvenuta kienet harget tqila. Jirrizulta assodat li t-tqala pre nuzzjali kienet l-unika raguni l-ghaliex il-partijet izzewwgu, u dana wara pressjoni kbira minn naha tal-genituri taghhom, u senjatament missier l-attur. Wara z-zwieg twieled it-tifel tal-partijiet; izda wara konvivenza matrimonjali ta' sentejn il-partijiet isseparaw de facto; u l-attur ghamel zmien twil jghix barra minn Malta.

*Versjoni konvenuta*

Illi fid-deposizzjoni[1] taghha tal-14 ta' Frar 2007, il-konvenuta tghid, u f' dan ir-rigward ma gietx kontradetta, li wara z-zwieg l-attur "ghazel li jrid ikompli jghix il-hajja ta' guvni. Ma konnhiex naqblu hafna [u] ma kienx responsabbli ghall-familja." Hija tghid li "il-paga [tieghu] jiena ma kontx naf x' inhu jaghmel biha, u ddecidejt li nohrog nahdem jien biex inkompli nghin il-familja….. imma l-paga tieghu qatt ma rajtha, dejjem bil-flus neqsin, jiena nghix mill-paga tieghi: jiena u t-tifel u hu maghna." Tghid li qabel ma' l-attur beda jahdem, huma kienu jghixu bil-karita' ta' missieru.

Il-konvenuta tispjega li matul il-konvivenza matrimonjali l-attur kien dahal f' relazzjoni extra matrimonjali u tghid li "Hu ried, illi jibqa' ghix mieghi, hu jghix hajtu u jien nghix hajti. Jiena dik il-haga li nibqa' nghix ma' ragel ghal ghajn in-nies taparsi mizzewwgin u m' ahna xejn [ma riddthiex]. Wara li twieled it-tifel, il-konvenuta bdiet tinnota bruda da parti ta' l-attur u kien iwarrabha anke sesswalment.

*Versjoni attur*[2]

Minn naha tieghu l-attur jghid li hu qatt ma ried jizzewweg f' dak l-istadju ta' hajtu u li kien accetta li jizzewweg lill-konvenuta minhabba l-pressjoni li kellu minn naha ta'

[1] Fol.31 *et seq.*
[2] Aff. fol.15 et seq. u dep. fol.40 et seq.

missieru. Huwa kien ghadu zghir u ried jibqa', almenu f' dak l-istadju, jghix il-hajja ta' guvni, u ghalhekk ma setghax jaqbel f' hafna affarijiet mal-konvenuta fil-konvivenza ta' bejniethom. Huwa jghid li lill-konvenuta ma kienx ghadu jafha sew, u "fl-ebda mument ma' nista' nghid illi kien hemm xi imhabba bejnietna." Jghid ukoll li "Apparti milli ma konniex naqblu, jiena kont inhoss ukoll pressjoni u responsabbilita' tal-familja illi ma kontx lest ghaliha peress li kont ghadni zghir wisq."

Fl-affidavit[3] taghha, omm l-attur tghid li "A kien [ghadu] mohh ir-rih u jahseb u jarraguna bhala tifel, u mhux bhala adult. Kien mohhu biss biex johrog ma' hbiebu u jiddeverti." Tghid ukoll li A kien jibza' hafna minn missieru.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Illi din il-Qorti wara ezami tac-cirkostanzi kollha u wara li semghet lill-partijiet jiddeponu, hija tal-fehma li fil-konfront ta' l-attur jirrizulta l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d]. Mill-provi jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu dana kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u b' mod partikolari fuq id-dmirijiet tieghu u l-obbligazzjonijiet bazati fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal, kif ukoll fuq l-obbligu tal-fedelta' fiz-zwieg. Jirrizulta ghal din il-Qorti li huwa ma kellux dak id-dixxerniment mehtieg dwar il-hajja matrimonjali biex jikkuntratta zwieg legalment validu. Dan huwa manifest primarjament mill-imgieba tieghu waqt iz-zwieg fil-konfront ta' martu u anke ta' binhom.

Jigi osservat li l-fatt li huwa kien izomm il-paga kollha tieghu ghalih, u jhalli lill-konvenuta tfendi ghar-rasha sabiex tlahhaq ma' l-ispejjez tal-familja, huwa ndikattiv tan-nuqqas ta' responsabbilita' tieghu lejn il-familja. Jimmanifesta ukoll nuqqas ta' rispett u imhabba lejn martu, li kkulminat fil-fatt li fi zmien qasir wara z-zwieg l-attur dahal f' relazzjoni extra matrimonjali. Dan jinsab

[3] Fol.18

konfortat mid-deskrizzjoni li ommu tat ta’ l-attur fl-affidavit taghha.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ta’ l-attur, in kwantu bazata fuq l-artikolu 19[1] u l-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-Kap.255, hija gustifikata fil-konfront ta’ l-istess attur, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-15 ta’ Ottubru 1994. L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------